

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — Procter & Gamble vs UASI — Prestige Cosmetics (P&G PRESTIGE BEAUTE)**

(Kawża T-366/07) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PG PRESTIGE BEAUTE — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti Prestige — Reġistrazzjoni rrifjutata parzjalment — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*”

(2010/C 301/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: The Procter Gamble Company (Cincinnati, Ohio, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: K. Sandberg u B. Klingberg, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Laporta Insa, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Prestige Cosmetics SpA (Anzola Emilia, l-Italja) (rappreżentanti: A. Mugnoz, M. Andreolini u A. Parini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentant kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta’ Lulju 2007 (Każ R 681/2006-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Prestige Cosmetics Srl u The Procter Gamble Company.

**Dispożittiv**

- (1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-19 ta’ Lulju 2007 (Każ R 681/2006-2) hija annullata.*
- (2) *L-UASI għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż ta’ The Procter Gamble Company marbuta mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.*
- (3) *Prestige Company SpA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż ta’ The Procter Gamble Company marbuta mal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.*
- (4) *Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 283, 24.11.2007.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — Travel Service vs UASI — Eurowings Luftverkehrs (smartWings)**

(Kawża T-72/08) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva smartWings — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali u figurattivi preċedenti EUROWINGS u EuroWings — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009) — Artikolu 79 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009)*”

(2010/C 301/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Travel Service a.s. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentanti: S. Hejdová u R. Charvát, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Eurowings Luftverkehrs AG (Nuremberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Schmidt, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-21 ta’ Novembru 2007 (Każ R 1515/2006-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Eurowings Luftverkehrs AG u Travel Services a.s.

**Dispożittiv**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Travel Services a.s. għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u ta’ Eurowings Luftverkehrs AG.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 107, 26.04.2008.